# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru : 318/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**JM**

**vs**

**DC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JM datat 18 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti JM zzewweg lil DC nhar id-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) gewwa s-Santwarju tal-Herba, Birkirkara (certifkat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dok 'A';*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt tas-separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, tas-sena elfejn u erbgha (2004), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';*

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet ma twieldux tfal;*

*Illi inoltre ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jixhed paragrafu numru tlieta (3), tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide Dok ,B');*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet ilhom sittax il-sena (16) separati legalment mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Atti ta' separazzjoni ta' bejniethom;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti JM  jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registraur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DC datata 30 ta' Novembru 2020, a fol 16, li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata ma topponix t-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma' dak kollu dikjarat fir-rikors tar-rikorrent.*

*Ghaldaqstant l-intimata titlob illi t-talba tar-rikorenti tigi milqugha b'dan li m'ghandiex tbati spejjez.'*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DC xehdet** (vide affidavit fol 14) illi hi zzewwget lil JM nhar id-9 ta' Gunju 2001 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt sseparaw permezz ta' kuntratt personali in atti tan-Nutar Dr Patricia Hall nhar it-28 ta' April 2004. Mid-data tal-kuntratt huma ghexu hajja kompletament separata u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni.

**JM xehed** (vide fol 17 et seqq.) fejn ikkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Gunju 2001 li jgib certifikat numru 834/2001 (vide dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, datat 28 t'April 2004 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 834/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**